# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar is-7 ta' Novembru, 2022

Avviz tat-Talba numru: 33/2022 CL

**Paul Borg (KI nru 1061846M), Francis Borg (KI nru 436041M) Carmel Borg ( KI nru 142044M)**

**VERSUS**

**Dolores Azzopardi (KI nru 423543M)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-27 ta' Jannar 2022 fejn l-atturi talbu sabiex il konvenuta tigi ikkundanata thallas is-somma ta' elfejn, miitejn u disgha u tletin euro u wiehed u erbghin centezmi (€2,239.41), bhala sub-cens ghal perjodu 20 ta' Marzu 2014 sad-19 ta' Marzu 2021, tal-art fi Triq il-Vlontin, Birkirkara, fuq liema art inbniet ir-residenza taghha hekk kif deskritt fil-kuntratt datat 20 ta' Marzu 1975 fl-atti tan-Nutar Anthony Gatt. Bl-inghax mill-20 ta' Marzu 2015 sal-24 ta' Jannar 2022,u l-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 4/2021.

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha (jew xi difensur ghaliha) ghas-smigh ta' dan il-procediment.

Ra l-atti processwali kollha;

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – (a) Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-

kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, l-konvenuta giet debitament notifikata bl-atti processwali permess tal-affissjoni u publikazzjoni. Minkejja tali notifika, il-konvenuta la resqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha quddiem it-Tribunal fl-udjenza li kienet tmiss wara n-notifika lilha ta' l-atti u, lanqas ma deher xi rapprezentant legali taghha sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza atturi fl-udjenzi sussegwenti. Tali konvenuta ghalhekk, kienet fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-udjenza tas-26 ta' Ottubru, 2022.

Fil-konfront ta' l-imsemmija konvenuta gie prezentant kapitolu mill-atturi fis-26 ta' Ottubru 2022[1]. Dan il-kapitolu gie dikjarat bhala mistqarr fl-udjenza successiva, tal-2 ta' Novembru 2022, peress li l-konvenuta naqset milli tirregistra dehera biex twiegeb ghal tali kapitolu. Fid-dawl ta' tali omissjoni, l-istess kien jisthoqqlu jigi emmnut. Ghalhekk dan ghandu jittiehed bhala mistqarr.

It-Tribunal josserva illi, in linea ta' principju, il-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament previsti u determinati mill-ligi taht il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Jinghad fid-decizjoni in re **Anthony Borg v. Samwel Veneziani**[2] illi "din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non-kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut."

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba ta' l-atturi u konsegwentement jikkundanna lil konvenuta biex thallas lill-istess atturi is-somma ta' elfejn, miitejn u disgha u tletin euro u wiehed u erbghin centezmi (€2,239.41), bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena mid-data tat-talba[3] sad-data tal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, huma a kariku tal-konvenuta salv ghall-ispejjez marbuta mal-ittra ufficjali bin-numru 4/2021 stante li mill-atti ma jidhirx li gew ipprezentati ebda dokumenti relatati.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

[1] Kapitolu a fol. 22
[2] Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998
[3] stante li mill-atti id-data tat-talba kienet l-ewwel interpellanza ghal hlas